DOK 71

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell, 13.3.2014*
*C(2014) 1602 final*

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja l-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Raġunata tagħha dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew {COM(2013) 534 final} u tiskuża ruħha għad-dewmien biex twieġeb.*

*Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-27 ta' Novembru 2013 (COM(2013) 851), il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa l-argumenti ppreżentati mill-Kamra tad-Deputati mill-perspettiva tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Bħala riżultat tal-analiżi tal-argumenti differenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proposta tagħha tas-17 ta' Lulju 2013 hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u ddeċidiet li żżommha. Il-Kummissjoni enfasizzat, madankollu, li matul il-proċess leġiżlattiv hi se tqis sew l-Opinjonijiet Raġunati tal-Parlamenti nazzjonali.*

*Din l-ittra tindirizza l-argumenti ppreżentati mill-Kamra tad-Deputati li skont l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ma jirrelatawx mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u għalhekk jaqgħu barra mill-ambitu tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u għalhekk tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.*

*Fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni tixtieq tipprovdi l-kummenti li ġejjin:*

*1) Il-Kamra tad-Deputati ma tqisx li l-istruttura proposta u l-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huma l-anqas intrużivi u l-aħjar soluzzjonijiet biex jilħqu l-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu protetti aħjar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-Kamra tad-Deputati hija tal-fehma li l-istruttura kolleġġjali, filwaqt li tippreserva l-valur miżjud tal-azzjoni tal-Unjoni, tkun tikkontribwixxi aħjar għal-leġittimità tal-Uffiċċju.*

*Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat miżuri alternattivi, bħall-isforzi mwettqa fil-livell nazzjonali jew it-tisħiħ ta' mekkaniżmi eżistenti fil-livell tal-Unjoni, li jwasslu għall-konklużjoni li mhumiex se jilħqu l-għanijiet b'mod effikaċi.*

*Dr Anġlu Farrugia*
*President*
*tal-Kamra tad-Deputati*
*Il-Palazz*
*MT — Valletta CMR 2000*

*Rigward l-istruttura, il-Kamra tad-Deputati hija favur mudell kollettiv. Il-proposta tal-Kummissjoni diġà tipprevedi l-istabbiliment ta' Kulleġġ fil-livell ċentrali li jkollu l-kompetenza li jiddeċiedi dwar ir-regoli interni ta' proċedura li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Il-Kummissjoni hija miftuħa biex tikkunsidra l-alternattivi kollha bir-reqqa, inklużi dwar l-istruttura, sakemm il-prinċipji ta' indipendenza ddikjarati hawn fuq, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza jibqgħu mħarsa.*

*2) Il-Kamra tad-Deputati hija tal-fehma li l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali jridu jinżammu qrib il-livell nazzjonali kemm jista' jkun, minħabba li l-kwistjoni taffettwa l-leġiżlazzjoni penali u għalhekk is-sovranità nazzjonali.*

*Il-mudell integrat u deċentralizzat propost huwa bbażat fuq ir-rispett għat-tradizzjonijiet legali u s-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tal-Istati Membri. Dan huwa rifless b'mod partikolari fil-fatt li l-Prosekuturi Delegati Ewropej Proposti jkunu wkoll prosekuturi nazzjonali, familjari mal-ġurisdizzjoni domestika tagħhom u inkorporati fis-sistema ta' prosekuzzjoni nazzjonali, u b'hekk ikunu żgurati rabtiet mill-qrib u kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali. L-infurzar ta' miżuri investigattivi kif ukoll l-istħarriġ ġudizzjarju jkunu fil-livell nazzjonali. Bl-istess mod, il-persuni akkużati jkunu ppruvati fuq il-bażi ta' liġi sostantiva nazzjonali mill-imħallfin nazzjonali.*

*Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-proposta tagħha toħloq bilanċ ġust bejn l-għan li jkun hemm aktar protezzjoni effiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi toħloq l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-impatt li dan jista' jkollu fuq il-liġi penali u s-sovranità nazzjonali.*

*3) Il-Kamra tad-Deputati żiedet tgħid li l-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi li l-Avukat Ġenerali ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontrol tal-ebda persuna jew awtorità oħra.*

*Bi tweġiba, il-Kummissjoni tixtieq ittenni li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mhu se jkollu l-ebda setgħa li jiddirieġi jew li jikkontrolla l-Avukat Ġenerali Malti.*

*Il-Kummissjoni se tikkunsidra kif xieraq l-opinjonijiet espressi mill-Parlamenti nazzjonali matul il-proċess leġiżlattiv.*

*Il-Kummissjoni tittama li dawn l-ispjegazzjonijiet jindirizzaw it-tħassib li tqajjem mill-Kamra tad-Deputati tar-Repubblika ta' Malta u tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku produttiv tagħha.*

*Dejjem tiegħek,*

*Maroš Šefčovič*
*Viċi President*

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell, 10.3.2014*
*C(2014) 1434 final*

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja l-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 {COM(2013) 480 finali} u tixtieq tapoloġizza għad-dewmien fl-għoti ta' tweġiba.*

*Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni dwar "L-integrazzjoni tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fil-politiki tal-UE biex jitnaqqsu l-gassijiet effett serra" {COM(2013) 479 finali} li takkumpanja l-proposta, il-Kummissjoni tikkondividi l-preferenza għall-introduzzjoni u għall-implimentazzjoni tal-miżuri mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). Billi jiġu proposti l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika (MRV) bħala l-ewwel pass f'approċċ gradwali lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet marittimi, il-Kummissjoni tirrifletti din il-preferenza. Il-Kummissjoni tistenna li billi taqsam l-esperjenza miksuba permezz tal-ħidma ta' tħejjija tagħha mal-imsieħba internazzjonali, se tippermetti lill-IMO biex tieħu deċiżjonijiet informati aktar.*

*L-introduzzjoni tal-miżuri reġjonali biex jitnaqqsu l-gassijiet effett serra mit-trasport marittimu tista' tagħti kontribuzzjoni sinifikanti għall-isforzi tal-mitigazzjoni wiesa' tal-ekonomija – il-kondiviżjoni tal-emissjoni tas-$CO_2$ matul vjaġġi relatati mal-UE tibqa' ta' madwar 20% tal-emissjonijiet globali, u l-emissjonijiet assoluti mit-trasport marittimu huma diġà ogħla minn dawk ta' setturi industrijali Ewropej importanti bħar-raffineriji jew l-industrija tas-siment. L-ewwel pass għandu jkun li jkun hemm inċentiv għal azzjoni bikrija billi tittejjeb id-disponibbiltà ta' informazzjoni standardizzata.*

*Ir-regolament propost, żviluppat wara konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati tal-industrija, juża approċċ ekonomiku għall-MRV fuq il-bażi ta' dokumenti u informazzjoni li llum diġà huma meħtieġa legalment li jinżammu fuq il-bastimenti. Għalhekk, l-ispejjeż amministrattivi relatati jkunu limitati. Fl-istess ħin, skont il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta {SWD(2013) 236 finali}, l-introduzzjoni ta' MRV twassal għal tnaqqis ta' konsum tal-karburant ta' madwar 2% meta mqabbel maż-żamma tal-istatus quo bħala potenzjali ta' titjib biex l-effikaċja tal-enerġija tal-bastimenti tiġi identifikata u sa ċertu punt implimentata. B'mod ġenerali, l-ispejjeż tas-settur tat-trasport marittimu huma ta' madwar EUR 1 biljun fis-sena. Għalhekk l-Istati Membri tal-UE ma jkunux f'riskju li jispiċċaw fi żvantaġġ kompetittiv.*

*L-Onorevoli Anġlu FARRUGIA*
*Il-President tal-*
*Kamra tad-Deputati*
*Il-Palazz*
*MT – VALLETTA CMR 2000*

*Stat Membru tal-UE mhux se jkun meħtieġ skont ir-Regolament propost li jobbliga lill-bastimenti li ma jtajrux il-bandiera tiegħu biex jipprovdu dejta dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet effett serra jew biex jieħdu sehem fi kwalunkwe sistema biex iżommu reġistru tal-emissjonijiet meta jbaħħru barra mill-ibħra interni tal-Istat Membru. Minflok, Stat Membru tal-UE jkollu japplika l-obbligu li jinġarr dokument validu ta' konformità fuq il-bastiment bħala kundizzjoni ta' dħul fil-port lil bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz. Il-konformità mar-Regolament propost mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE tiġi żgurata mill-Stat tal-Bandiera.*

*Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jindirizzaw it-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku tagħna fil-ġejjieni.*

*Għoddni dejjem tiegħek,*

*Maroš Šefčovič*
*Viċi President*